MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 347/2013

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**Is-socjeta' Geomike Limited (C88200)**

**u George Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Ottubru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha l-ammont ta' erbat elef, sitt mija, tnejn u sittin ewro u wiehed u hamsin centezmi (€4,662.51) rapprezentanti l-bilanc ta' self moghti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dana wara illi tilfu l-beneficcju tat-terminu minhabba illi naqsu milli josservaw it-termini ta' hlas.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 1870/2013, u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv.

Rat illi l-konvenut George Cauchi ma kienx debitament notifikat skond riferta negattiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 24 ta' Jannar 2014.

In segwitu l-Marixxall Julian Caruana rega' ghamel tentattiv sabiex jinnotifika lil George Cauchi fl-indirizz moghti fir-rikors promotur izda dan it-tentattiv kien ukoll negattiv kif jirrizulta mir-riferta tieghu datata 21 ta' Marzu 2014 (fol 17 tergo tal-process) pero' kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 21 ta' Marzu 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Tarxien (fol. 17 tergo).

Rat illi s-socjeta' Geomike Limited kienet notifikata bir-rikors promotur u smiegh tal-kawza skont ir-riferta tal-Marixxall Charles Cassar datata 24 ta' Jannar, 2014 (fol 14 tergo tal-process).

Rat illi l-konvenuti gew ukoll notifikati bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-25 ta' Marzu 2014 (fol 18) u fil-gazzetta lokali Times of Malta nhar it-30 ta' April 2014 (fol 23).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 il-konvenuti gew imsejjha izda ma dehrux, biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota li gietipprezentata mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Mejju 2014 li biha rriduciet l-ammont pretiz ghas-somma ta' erbat elef, hames mija u disgha u tletin ewro u hmistax-il centezmu (€4,539.15).

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tal-14 ta' Mejju 2014.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom sabiex iwiegbu d-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u disgha u tletin ewro u hmistax-il centezmu (€4,539.15) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1870/2013, u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv a karigu tal-konvenuti in solidum.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------